MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 622/2007

**Talba Nru: 622/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334), u b'digriet tas-26 ta' Novembru 2007 l-isem Maltacom p.l.c. inbidel ghal GO p.l.c.

Vs

Albert u Maronia konjugi Caruana (Id. 446174M u Id. 75672M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' mitejn u

hamsin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm250.89) ekwivalenti ghal €584.42, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21585740, skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenuti, li gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu is-somma ta’ hames mija, erba u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€584.42), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------